**QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**Maġistrat Dr. Jean Paul Grech B.A., LL.D**
**M.Juris (Int. Law), Adv. Trib. Eccl. Melit**

**SENTENZA**

Mogħtija llum, it-Tlieta disgħa u għoxrin (29) ta' Ottubru 2024

Kawża Nru 436/2024

**Il-Pulizija**

***(Spettur Keith Xerri)***

**Vs**

**Nico Spalding**

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba kontra **Nico Spalding**, iben Carol Spalding, imwieled il-Pieta' fil-ħdax (11) ta' Ottubru 1998 u residenti ġewwa Innuendo, Flat 7, Triq

Patri Anton Debono S.J. Rabat, Għawdex, detentur tal-karta tal-identita' numru 380798(M), talli fil-ġranet ta' bejn l-erbgħa (4) u l-ħdax (11) ta' Mejju 2024, waqt li kien ġewwa r-residenza Innuendo, Flat 7, Triq Patri Anton Debono S.J. Rabat, Għawdex, u f'diversi postijiet ġewwa dawn il-Gżejjer:

(1) ħebb għas-sieħba tiegħu Amanda Edwards, detentriċi tal-karta tal-identita' numru 37138(A) sabiex jinġurjaha, iddejaqha jew jagħmlilha ħsara b'xi mod;[1]

(2) insulenta, hedded jew inġurja bi kliem jew b'mod ieħor lis-sieħba tiegħu Amanda Edwards, detentriċi tal-karta tal-identita' numru 37138(A);[2]

(3) ħebb għas-sieħba tiegħu Amanda Edwards, detentriċi tal-karta tal-identita' numru 37138 (A) u kkaġunalha offiżi ta' natura ħafifa, hekk kif iċċertifikat minn Dr. Martha Caruana, M.D. Reg. 3980 tal-Victoria Health Centre;

(4) ġab ruħhu b'tali mod li ta fastidju lis-sieħba tiegħu Amanda Edwards, detentriċi tal-karta tal-identita' numru 37138(A), u b'mod li kien jaf jew li misshu kien jaf li dak li għamel kien ta' fastidju għaliha;[3]

(5) bl-imġieba tiegħu, ikkaġuna lis-sieħba tiegħu Amanda Edwards, detentriċi tal-karta tal-identita' numru 37138(A) biża' li se tintuża vjolenza kontra tagħha jew kontra l-proprjeta' tagħha jew kontra l-persuna jew il-

[1] Artikolu 339(1)(d) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.
[2] Artikolu 339(1)(f) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.
[3] Artikolu 251A(1)(a)(b) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

proprjeta’ ta’ xi ħadd mill-axxendenti, dixxendenti, aħwa jew familjari oħra tagħha.[4]

Il-Qorti ġiet ġentilment mitluba sabiex f’każ ta’ ħtija tipprovdi għas-sigurta’ u protezzjoni ta’ Amanda Edwards skont l-Artikoli 382A, 383, 384, 385 u 412Ċ tal-Kodiċi Kriminali.

Il-Qorti ġiet ukoll ġentilment mitluba sabiex tqis dan il-każ bħala wieħed ta’ vjolenza domestika skont id-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu 581 tal-Liġijiet ta’ Malta.

Rat l-atti kollha ta’ dan il-proċediment;

Semgħet lill-parte civile Amanda Edwards tiddikjara bil-ġurament tagħha tirrinunzja għal dak kollu li huwa rinunzjabbli fil-konfront tal-akkużat;

Ikkunsidrat;

Il-fatti tal-każ huma s-segwenti: nhar il-ħdax (11) ta’ Mejju 2024, Nico Spalding irrapporta ġewwa l-Għassa tal-Pulizija tar-Rabat Għawdex li huwa kien sab ħames mitt ewro (€500) neqsin mill-kamra tiegħu. Huwa ddikjara li fil-lejl ta’ qabel kienet rieqda miegħu Amanda Edwards u wara li għamel kuntatt magħha, hi weġbitu li anke’ hu kien ħadilha l-flus.

Il-Pulizija bagħtet għal Amanda Edwards u wara li ngħatat id-drittijiet legali tagħha u rrinunzjat għalihom, hi stqarret li fl-għaxra (10) ta’ Mejju 2024, l-

[4] Artikolu 251B(1) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta’ Malta.

akkużat talabha l-mobile u *card* tal-bank tagħha. Wara taha daqqa f'rasha u qabadha minn għonqha b'mod li ma setgħetx tieħu nifs. Edwards ċaħdet li l-akkużat qatt kellu flus u esprimiet dubju dwar ir-rapport ta' Spalding tal-flus neqsin.

Minn eżami tar-riskju li sar fuq Edwards irriżulta li hija kienet qiegħda f'riskju għoli ta' 17. L-Ispettur Keith Xerri ġie infurmat b'dan ir-rapport u wara li sar rikors b'urġenza lill-Maġistrat tal-Għassa Dr. Simone Grech, inħarġet Ordni ta' Protezzjoni a favur Amanda Edwards u kontra l-akkużat.

Edwards irrakkontat ukoll kif f'okkażjoni oħra fl-erbgħa (4) ta' Mejju 2024, meta kienet mal-akkużat ġewwa x-Xlendi, hu mbuttaha fit-triq, u meta marru fl-appartament, imbuttaha fuq is-sodda u qabadha minn għonqha.

Edwards ipproduċiet ċertifikat mediku ta' Dr. Martha Caruana, fejn ġie ċċertifikat li hi kienet qed issofri minn ġrieħi ta' natura ħafifa.

Ikkunsidrat;

Għar-rigward l-ewwel (1), it-tieni (2) u t-tielet (3) akkuża, jingħad li l-prosegwiment tal-kawża jiddependi unikament mill-kwerela tal-parti offiża. La darba l-kwerelanta irrinunzjat għall-azzjoni kriminali, l-azzjoni kriminali ġiet estinta b'mod awtomatiku.

Għar-rigward ir-raba' (4) u l-ħames (5) akkuża, mix-xhieda ta' Amanda Edwards din il-Qorti ma setgħetx tasal għall-konklużjoni li kien hemm il-*course of conduct* rikjest sabiex tkun tista' tinstab ħtija fl-akkużat għal dawn

iż-żewġ akkużi. Ix-xhud xehdet biss fuq inċident ta' darba fejn allegatament l-akkużat talabha xi flus, hija rrifjutat u minn hemm inqala' inċident bejniethom. Għalhekk ma jistax jingħad li dawn iż-żewġ akkużi ġew pruvati.

- **<u>Decide</u>**

Għaldaqstant għal dawn il-motivi, il-Qorti:

(a) qiegħda tiddikjara l-proċediment estint fir-rigward tal-ewwel (1), tat-tieni (2) u tat-tielet (3) akkuża u dan stante r-rinunzja tal-parte civile;

(b) għar-rigward ir-raba' u l-ħames (5) akkuża stante' li dawn ma rriżultawx, il-Qorti qed tillibera lill-akkużat minn kull ħtija u piena.

(ft.) Dr. Jean Paul Grech
Maġistrat

(ft.) Diane Farrugia
Deputat Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur